IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.10.2015
COM(2015) 516 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Annwali dwar in-negozjati mwettqa mill-Kummissjoni fil-qasam tal-kreditu għall-esportazzjoni, fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT WEROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Annwali dwar in-negozjati mwettqa mill-Kummissjoni fil-qasam tal-kreditu għall-esportazzjoni, fis-sens tar-Regolament (UE) No 1233/2011

1. Introduzzjoni:

Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76 KE u 2001/77/KE[1] jipprevedi, fl-Anness I tiegħu, li l-Kummissjoni Ewropea "skont il-kompetenzi tagħha għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew b'rapport annwali dwar in-negozjati mwettqa, fejn il-Kummissjoni ikollha awtorizzazzjoni ta' negozjar fid-diversi forom ta' kooperazzjoni internazzjonali, sabiex tistabbilixxi standards globali fil-qasam tal-krediti tal-esportazzjoni uffiċjalment appoġġjati."

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu minn Marzu 2014 sa Marzu 2015.

2. Żviluppi ewlenin fil-kreditu għall-esportazzjoni matul il-perjodu ta' rappurtar:

Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet ta' negozjar tal-Kummissjoni f'dan il-qasam ta' politika jkomplu jseħħu fi ħdan il-Kumitati dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (*Organisation for Economic Co-operation and Development, OECD*). Waqt il-kitba ta' dan ir-Rapport, l-OECD għadha l-uniku korp internazzjonali li żviluppa regoli tekniċi dettaljati għall-krediti għall-esportazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tar-responsabbiltà tagħha biex twettaq negozjati kummerċjali, tirrappreżenta lill-UE fin-negozjati kollha dwar **l-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati b'mod Uffiċjali**[2] u **l-Ftehimiet Settorjali** (li jkopru regoli finanzjarji speċjali għal setturi industrijali speċifiċi), jiġifieri:

- il-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Bastimenti
- il-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għal Impjanti tal-Enerġija Nukleari
- il-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili
- il-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Enerġija Rinovabbli, il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u l-Proġetti tal-Ilma
- Il-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Infrastruttura Ferrovjarja

[1]. ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45.

[2] Il-"Ftehim" huwa Ftehim bejn l-Irġiel bejn l-UE, l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun, il-Korea, in-Norveġja, l-Iżvizzera, New Zealand u l-Awstralja li ilu jeżisti sa mill-1978 u li għandu l-għan ewlieni li jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn programmi tal-kreditu għall-esportazzjoni tal-parteċipanti tiegħu. L-arranġament u l-modifiki sussegwenti tiegħu ġew mibdula b'mod regolari fil-liġi tal-UE.

L-Arranġament jinkludi wkoll regoli distinti għal kategoriji speċifiċi ta' tranżazzjonijiet (bħal Anness speċjali dwar il-Finanzjament ta' Proġetti). Sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' komplementarjetà bejn il-krediti għall-esportazzjoni u l-għajnuna relatata mal-kummerċ, il-Ftehim jistabbilixxi wkoll sett ta' dixxiplini għall-Għajnuna Marbuta.

L-idea bażika wara l-Arranġament tal-OECD - li jkun hemm forum informali, fejn l-akbar fornituri ta' kreditu għall-esportazzjoni mhux biss jaqblu dwar regoli li jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-programmi rispettivi tagħhom, iżda jiżguraw ukoll livelli xierqa ta' skambju ta' informazzjoni u trasparenza dwar tranżazzjonijiet ta' kreditu għall-esportazzjoni tagħhom - tat prova tal-valur tagħha matul is-snin. Ftit kien hemm ħtieġa li jiġu stabbiliti strumenti aktar stretti (bħas-sistema għas-soluzzjoni ta' tilwim tad-WTO) biex jiġu solvuti kunflitti potenzjali f'dan il-qasam ta' kummerċ internazzjonali.

Filwaqt li l-istorja tal-Arranġament tal-OECD tista' titqies bħala storja ta' suċċess, element kruċjali għall-effettività ta' dan l-istrument ovvjament kienet li s-sħubija tagħha għal żmien twil kienet rappreżentattiva għall-komunità globali tal-kreditu għall-esportazzjoni. Madankollu, dan l-aspett inbidel b'mod sostanzjali f'dawn l-aħħar snin: Tfaċċaw ħafna atturi ġodda fil-qasam tal-krediti għall-esportazzjoni – iċ-Ċina, il-Brażil, l-Indja, il-Federazzjoni Russa u l-Afrika t'Isfel biex insemmu biss l-aktar importanti. Għadd ġmielu minnhom kellhom riżervi kbar għall-inizjattivi kollha ta' stedin biex jingħaqdu fl-Arranġament tal-OECD[3].

L-OECD għadha l-aktar pjattaforma importanti biex jintlaħaq ftehim dwar ir-regoli ta' kreditu għall-esportazzjoni u jsir monitoraġġ tagħhom bejn id-disa' parteċipanti msemmija hawn fuq. Minħabba l-fatt li għal diversi għexieren ta' snin l-Arranġament tal-OECD kien l-uniku sett dettaljat ta' regoli tekniċi dwar il-krediti għall-esportazzjoni fil-livell internazzjonali, l-OECD żviluppat ukoll għarfien istituzzjonali speċjali impressjonanti f'dan il-qasam ta' politika.

Madankollu, minħabba l-importanza li qed tikber ta' fornituri ġodda emerġenti tal-kreditu għall-esportazzjoni minn barra l-OECD, l-isforzi biex jiġu integrati f'sett ġdid ta' dixxiplini internazzjonali ta' kreditu għall-esportazzjoni saru prijorità ewlenija fiha nnifisha. Matul il-perjodu ta' rappurtar, il-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Krediti tal-Esportazzjoni ("IWG")[4] kompla jkun forum ewlieni ta' djalogu mal-fornituri ta' kreditu għall-esportazzjoni li mhumiex fl-OECD. Filwaqt li għadhom fi stadju relattivament bikri, il-proċess tal-IWG żviluppa f'forum ieħor ġenwin għar-rwol tal-Kummissjoni meta tirrappreżenta lill-UE f'diskussjonijiet internazzjonali dwar kwistjonijiet ta' krediti għall-esportazzjoni (għad-dettalji ara t-Taqsima 3).

[3] Dan jikkonċerna speċjalment liċ-Ċina u lill-Indja. Każ partikolari huwa l-Brażil, li huwa biss Parteċipant għall-Ftehim Settorjali fuq Inġenji tal-Ajru Ċivili, iżda ma juri l-ebda interess li jissieħeb fl-Arranġament ġenerali bħala tali.

[4] Il-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Krediti tal-Esportazzjoni ("IWG") tnieda fl-2012 fuq il-bażi ta' inizjattiva bilaterali mill-President Obama u l-Viċi Prim Ministru ta' dak iż-żmien Xi-Jinping. L-IWG għandu 18-il membru (id-disa' parteċipanti kollha għall-Arranġament tal-OECD – l-UE, l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun, il-Korea, in-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Awstralja u New Zealand – kif ukoll iċ-Ċina, il-Brażil, l-Indja, il-Federazzjoni Russa, l-Afrika t'Isfel, l-Indoneżja, il-Malasja, it-Turkija u Iżrael). L-objettiv fuq żmien twil tal-IWG huwa li jintlaħaq ftehim dwar sett ġdid ta' dixxiplini multilaterali dwar krediti għall-esportazzjoni. Ġie ffurmat Grupp ta' Tmexxija li jikkonsisti fl-Istati Uniti, fiċ-Ċina, fl-UE u fil-Brażil. L-erba' membri tiegħu jorganizzaw u jippresiedu l-laqgħat tal-IWG fuq bażi ta' rotazzjoni.

B’mod parallel, l-attivitajiet fl-OECD komplew matul il-perjodu ta’ rappurtar (għad-dettalji ara t-Taqsima 4).

3. Il-Grupp ta’ Ħidma Internazzjonali dwar il-Krediti tal-Esportazzjoni:

Matul il-perjodu ta’ rappurtar, l-IWG kellu **dawn il-laqgħat uffiċjali**: il-Ħames Laqgħa Uffiċjali f’Mejju 2014 f’Washington, is-Sitt Laqgħa Uffiċjali f’Settembru 2014 f’Beijing, is-Seba' Laqgħa Uffiċjali fi Brussell fi Frar 2015 u t-Tmien Laqgħa Uffiċjali f’Mejju 2015 fi Brasilia.

Din is-sekwenza regolari ta’ laqgħat diġà turi li l-IWG stabbilixxa ruħu bħala proċess regolari – fatt li ma setax jittieħed bħala ovvju meta tnediet l-inizjattiva sentejn ilu. Sa issa, il-**forma tal-organizzazzjoni** tal-Grupp **għadha rudimentarja** (l-ebda president, post jew segretarjat permanenti), u sa issa dan għadu ma ħoloq l-ebda problemi kbar. Barra minn hekk, f’dan il-kuntest, iridu jitqiesu s-sensittivitajiet ta' dawk il-membri tal-IWG mingħajr l-ebda esperjenza, jew ftit li xejn, f’fora simili. Madankollu, fi żmien debitu, iktar kemm id-diskussjonijiet tal-IWG isiru tekniċi u kumplessi, jeħtieġ li mmorru lura għall-kwistjoni tal-istruttura istituzzjonali tal-Grupp.

Kif jissemma' fir-rapport preċedenti, wara r-Raba' Laqgħa Uffiċjali tal-IWG fi Brasilia, il-konklużjoni ġenerali mill-Parteċipanti kienet li l-approċċ użat matul l-ewwel sena tal-operazzjoni ta’ dan il-proċess – jiġifieri t-tqabbil tas-sistemi u l-prattiki eżistenti ta’ kreditu għall-esportazzjoni tal-Parteċipanti individwali tal-IWG — kien ġie eżawrit. Għaldaqstant, mal-**Ħames Laqgħa Uffiċjali tal-IWG (Washington, 20-22 ta’ Mejju 2014)**, il-Grupp għadda għal fażi ġdida ta' ħidma, ikkaratterizzata mid-“diskussjonijiet ibbażati fuq it-test” fuq iż-żewġ setturi industrijali[5], li l-IWG kien qabel li janalizza fid-dettall qabel ma jgħaddi għal diskussjoni reali dwar kif jista' jidher sett orizzontali futur ta' dixxiplini ta' kreditu għall-esportazzjoni (jiġifieri wieħed li huwa applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta’ kreditu għall-esportazzjoni b’mod ġenerali). Dan l-aġġustament fil-metodi ta’ ħidma tal-IWG kellu effett pożittiv u dinamiku ħafna fuq il-proċess kollu, u dan l-effett diġà beda jidher waqt il-laqgħa ta' Washington. Id-Delegazzjoni Ċiniża appoġġjat dan l-approċċ ġdid mill-bidu, għalkemm huma għamluha ċara li kellhom struzzjonijiet biex iżommu xi kwistjonijiet importanti — il-primjums, ir-rati tal-imgħax u l-kwistjonijiet tat-trasparenza – barra mid-diskussjoni sakemm l-IWG ikun għadda għall-fażi orizzontali tat-taħditiet.

Minkejja din ir-riserva, dawn il-laqgħat kienu pjuttost kostruttivi: iċ-Ċina ospitat is-**Sitt Laqgħa Uffiċjali f’Beijing fil-25 u fis-26 ta’ Settembru 2014.** Filwaqt li l-primjums, ir-rati tal-imgħax u l-kwistjonijiet tat-trasparenza baqgħu barra mill-ambitu uffiċjali tad-diskussjonijiet, id-delegazzjonijiet tal-IWG kellhom skambji pjuttost tajbin dwar kwistjonijiet tekniċi oħrajn (pereżempju t-termini massimi ta’ ripagament, l-appoġġ massimu uffiċjali, l-ispejjeż lokali, id-definizzjoni ta’ punt tal-bidu tal-kreditu, is-skemi ta’ ripagament, il-perjodu ta’ validità għall-krediti għall-esportazzjoni). Ta' min jiftakar li l-prattika li l-fornituri Ċiniżi tal-kreditu għall-esportazzjoni jagħtu termini ta' ripagament ħafna itwal mill-Parteċipanti għall-Arranġament tal-OECD spiss ikkawżat tħassib fost l-esportaturi Ewropej. Għaldaqstant, il-fatt li diġà bdiet diskussjoni dwar dan is-suġġett fl-IWG intlaqa' tajjeb ħafna.

[5] Is-Settur tal-Bini tal-Bastimenti u s-Settur tat-Tagħmir Mediku

Is-Seba' Laqgħa Uffiċjali tal-IWG ġiet ospitata mill-Unjoni Ewropea **fi Brussell mit-3 sal-5 ta' Frar 2015.** L-approċċ tal-UE li jospita din il-laqgħa kien jikkonsisti mhux biss fit-tkomplija tad-diskussjonijiet "ibbażati fuq it-test" dwar is-setturi tal-bini tal-vapuri u tat-tagħmir mediku, iżda – fi sforz biex il-Grupp jitħalla jindirizza wkoll dawn is-suġġetti, li xi delegazzjonijiet kienu għadhom ma jistgħux jiddiskutu uffiċjalment – anke fl-istedina biex l-esperti tal-OECD jagħtu preżentazzjonijiet tekniċi dwar il-mod kif it-twaqqif tal-primjums, ir-rati tal-imgħax u n-notifiki tat-tranżazzjonijiet individwali tal-kreditu għall-esportazzjoni huma organizzati skont l-Arranġament tal-OECD. Barra minn hekk, kien hemm preżentazzjonijiet mill-esperti tad-WTO u tal-OECD dwar ir-relazzjoni legali bejn l-Arranġament tal-OECD u l-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kompensatorji. Dan l-approċċ – li b'mod ġenerali kien apprezzat mid-delegazzjonijiet l-oħrajn – ippermetta wkoll l-użu pragmatiku tal-esperjenza stabbilita sew li l-OECD żviluppat speċjalment fil-qasam tal-krediti għall-esportazzjoni. L-UE organizzat ukoll sessjoni teknika speċjali ddedikata għall-kamp ta' applikazzjoni potenzjali tar-regoli settorjali futuri dwar il-krediti tal-esportazzjoni għall-bini tal-vapuri.

Waqt it-**Tmien Laqgħa Uffiċjali tal-IWG** organizzata mill-Brażil **fi Brazilia mid-19 sal-21 ta' Mejju 2015, sar progress kbir:** Il-Parteċipanti tal-IWG qablu li d-diskussjonijiet dwar is-setturi għamlu biżżejjed progress biex jiġġustifikaw it-tnedija ta' diskussjonijiet xierqa dwar sistema ġenerali u orizzontali ta' regoli applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' kreditu għall-esportazzjoni b'mod ġenerali. Din id-deċiżjoni importanti timmarka t-tranżizzjoni għal fażi ġdida fil-ħidma tal-IWG u tirrifletti talba antika mill-Istati Uniti u mill-UE. Din hija indikazzjoni ċara u pożittiva li l-ħidma tal-Grupp qed tagħmel progress tanġibbli. Fl-istess ħin, din il-fażi l-ġdida fil-ħajja tal-IWG toħloq sfidi ġodda wkoll. Id-diskussjonijiet fil-Grupp isiru dejjem iżjed tekniċi u kumplessi billi issa jiġu inklużi fl-aġenda suġġetti impenjattivi bħall-iffissar ta' primjums u rati tal-imgħax. Barra minn hekk, jkun hemm bżonn li tissaħħaħ l-effiċjenza tal-organizzazzjoni istituzzjonali tal-Grupp, b'mod partikolari n-nomina ta' president permanenti tkun ta' valur kruċjali.

Id-Disa' Laqgħa tal-IWG tkun ospitata mill-Istati Uniti f'Ottubru 2015 u tkun iddedikata għall-implimentazzjoni attwali tat-tranżizzjoni għall-fażi l-ġdida ta' taħdidiet orizzontali. L-UE tappoġġja bis-sħiħ l-Istati Uniti f'dan l-impenn.

B'mod ġenerali, filwaqt li l-IWG kellha bidu diffiċili, il-proċess stabbilizza ruħu u miexi fid-direzzjoni t-tajba. Naturalment, ikun hemm bżonn ta' aktar sforzi fil-fażi li jmiss, iżda jidher li f'dan l-istadju huwa kompletament ġustifikat li jiġi investit aktar fl-IWG bħala l-forum ewlieni biex jintlaħqu l-aktar fornituri importanti tal-kreditu għall-esportazzjoni li mhumiex fl-OECD.

4. Żviluppi fl-OECD matul il-perjodu ta' rappurtar:

L-aktar diskussjonijiet kumplessi u kontroversjali fil-Kumitati tal-OECD dwar Krediti għall-Esportazzjoni matul il-perjodu ta' rappurtar bla dubju kienu jikkonċernaw is-suġġett tal-**krediti għall-esportazzjoni u l-karburanti fossili**, speċjalment fi-rigward tal-**finanzjament ta' impjanti elettriċi tal-faħam.** Fid-dokument tiegħu "2014 Ministerial Statement on Climate Change" (6-7 ta' Mejju 2014), il-Kunsill tal-OECD iddikjara fost il-mezzi biex jimplimenta aktar ħidma anke t-tkomplija tad-diskussjonijiet dwar "kif il-krediti għall-esportazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-mira komuni tagħna biex nindirizzaw it-tibdil fil-

klima”[traduzzjoni mhux uffiċjali]. Matul l-aħħar sena, kien hemm diskussjonijiet intensi fl-OECD dwar dan is-suġġett li ċ-“Chairman's Framework for Export Credits and Climate Change” iddikjarah prijorità għal laqgħat dwar il-kreditu għall-esportazzjoni fl-2014 u fl-2015. Billi l-Unjoni Ewropea għandha tipprova tiżgura li l-politika tagħha dwar il-krediti għall-esportazzjoni tikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-objettivi tagħha fil-qasam tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-Kummissjoni Ewropea appoġġjat bis-sħiħ l-isforzi rilevanti tal-OECD. F’April 2015, l-OECD ħarġet “Revised Chairman's proposal”, li jkollha rwol essenzjali fid-diskussjonijiet kontinwi fil-livell tal-OECD. Bħalissa, il-Kummissjoni għaddejja minn proċess li tħejji proposta lill-Kunsill bil-ħsieb li tiġi stabbilita pożizzjoni tal-UE dwar il-proposta tal-President. Ikun mixtieq ħafna li l-OECD tkun tista' tasal għal konklużjoni pożittiva dwar dawn id-diskussjonijiet fil-ħin għall-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (Pariġi, mit-30 ta’ Novembru sat-12 ta’ Diċembru 2015).

Rigward suġġett ieħor relatat mat-tibdil fil-klima, f'Ġunju 2015 il-Parteċipanti tal-OECD laħqu konsensus preliminari fil-livell ta’ ħidma dwar ir-regoli għal **krediti għall-esportazzjoni u grilji intelliġenti**. Min-naħa tal-UE, dan il-ftehim huwa taħt riżerva tal-adozzjoni ta’ deċiżjoni tal-Artikolu 218(9) mill-Kunsill.

Fir-rigward ta’ attivitajiet oħrajn fl-OECD, ta' min jiftakar li, f'Novembru 2013, il-Parteċipanti għall-Arranġament tal-OECD qablu dwar **“Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Infrastruttura Ferrovjarja" ("RSU”).** Filwaqt li din kienet ambizzjoni kbira għall-UE, l-aċċettazzjoni ta’ dan il-ftehim anke mill-Parteċipanti bi ftit li xejn interess kummerċjali fil-qasam kien jeħtieġ għadd ta’ konċessjonijiet importanti. Minħabba żvilupp favorevoli fl-ambjent tan-negozjati fl-2014, kien possibbli li l-parteċipanti tal-OECD jerġgħu jeżaminaw it-test RSU u biex jaqblu li **jtaffu xi provvedimenti restrittivi** b’mod konsiderevoli.

L-implimentazzjoni tal-**Ftehim Settorjali tal-OECD tal-2011 dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili** (l-“ASU 2011”) tkompli matul il-perjodu ta' rappurtar. Dan jista’ jiġi interpretat bħala indikazzjoni għas-suċċess tal-ASU 2011 li, wara erba’ snin ta’ implimentazzjoni, ma ġew identifikati l-ebda argumenti sostanzjali għal reviżjoni fundamentali (li formalment kien ikun possibbli fl-2015) u l-Parteċipanti tal-OECD qablu li jipposponu l-kwistjoni sal-2019.
Twettaq ukoll aktar xogħol tekniku dwar **eżami tal-provvedimenti tar-rata tal-imgħax tal-Arranġament tal-OECD** kif ukoll dwar is-**sistema tal-primjums għall-pajjiżi tal-OECD bi Dħul Għoli** matul dan il-perjodu ta’ rapportar kif ukoll, iżda għadu ma rriżultax f’eżitu finali.

Il-Kummissjoni żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat kif xieraq dwar żviluppi ġodda.